KLR 46/VII/2016

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ħamis 6 t'Ottubru 2016 fis-18.45.

PREŻENTI: Is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri il-membri Joseph Debrincat, Maria Portelli, Michel Buttiġieġ, Anthony Briffa u Marċel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

**1. Talba**

Intqalet it-talba.

**2. Approvazzjoni tal-minuti**

Ġew approvati l-minuti tal-aħħar laqgħa.

Is-Sinkdu ġbied l-attenzjoni rigward il-proposta ta' 'Aqra: *A Silent Tea Room'*. L-Univerista' ta' Malta tat il-kunsens tagħha sabiex dan il-proġett isir fir-Rabat Għawdex. Billi d-dimensjoni ta' din il-kamra hi ftit kbira jrid jinstab post alternattiv għal dak tal-*playing field*.

**3. Monti**

Il-Perit Edward Scerri ġie mistieden jidħol fil-kamra waqt li kienet qed tiġi diskussa din l-*item*. Il-membri qablu li:-

i) l-monti għandu jkun biss fi Pjazza Savina u mhux jibqa' nieżel lejn Triq Santa Marija. Dan minħabba li fl-Avviż Legali hemm ċar li l-monti ta' Pjazza Indipendenza għandu jiġi trasferit għall- Pjazza Savina;

ii) l-monti jibda' jimtela l-ewwel quddiem il-knisja, fejn ikun fin-nofs u minflok l-parkeġġ tan-nahha tat-triq il-prinċipali. Jrid jitħalla aċċess għal Triq l-Arċipreit Saver Cassar;

iii) mal-ġenb tal-knisja ta' Savina, l-monti jkun wara l-monument;

iv) jiġi kkunsidrat li jintilfu parkeġġi mill-inqas;

v) jitħalla aċċess n-naħħa tal-pompa tal-petrol u anke' għall-Triq Santa Marija.

vi) għandu jinħoloq l-inqas inkonvenjent għar-residenti.

Is-Sindku qali li ser joħroġ mill-kamra sabiex il-membri jiddiskutu t-talba għat-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet quddiem ħanut numru 5 fi Pjazza Savina. Hu tenna li din tressqet l-ewwel darba meta ma kienx Sindku u dakinhar kien ukoll ħareġ mill-kamra. Qal li m'għandu ebda' problema ma min ser jiġġestixxi l-ħanut.

Wara li s-Sindku ħareġ, il-membri komplew jiddiskutu mal-Perit il-mod kif il-kaxxi tal-monti jistgħu jiġu mdaħħal f'din l-*area*. Il-membri preżenti qablu li wara li jiġu ppostjati dawn il-kaxxi, l-Kunsill jikkunsidra talbiet oħra fosthom talba għat-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet quddiem il-ħanut numru 5 fi Pjazza Savina.

Is-Sindku reġa daħal fil-kamra.

Il-membri qablu li għandu jerġa jiġi rappurtat lill-Pulizija li xi wħud mill-bejjiegħa tal-monti qed jieħdu bosta spazji fil-parkeġġ il-kbir ta' wara l-*bus terminus* fejn qed jimlew dawn l-ispazji bil-merċa tagħhom.

## 4. *Playing Field*

Is-Segretarju Eżekuttiv għarfet lill-membri li rċeviet emejl mingħand Dr Joshua Grech fejn kiteb għan-nom tal-familja Cefai li għandu d-dar biswit il-*playing field*. Fil-preżent qed jitwaħħal ir-*railing* u parti żgħira minnu ġiet invitata mal-ħajt ta' Cefai. Dan tneħħa dritt u l-ħajt għandu jitgħolla kemm jista' jkun malajr.

Il-membri qablu li s-*soft areas* tal-*playing field* jitħammlu sabiex titpoġġa l-ħamrija.

## 5. *New Year's Eve in the City*

Is-Segreatrju Eżekuttiv għarrfet lill-membri preżenti li l-Kunsill talab il-kunsens tad-Dipartiment għal Gvern Lokali sabiex jekk jinħarġu l-offerti għal din l-attivita' minn naħħa tal-Minsiteru għal Għawdex, il-Kunsill ikun kopert sabiex ikun jista' jħallas tas-servizzi li jkunu ġew offruti waqt din l-attivita' . Dan wara li l-Minsiteru għal Għawdex offra l-għajnuna ançillarja tiegħu biex din l-attivita' unika f'Għawdex tibqa' tikber. Minn naħħa tad-Dipartiment ir-risposta kienet li jekk din l-attivita' ser jorganiżżha l-Ministeru għal Għawdex, il-Kunsill ma jibbenefikax mill-iskema għall-Attivitajiet Kulturali 2016.

Id-Dipartiment ġie mgħarraf li l-Kunsill qatt ma kellu l-intenzjoni jew wera li mhux ser jorganiżża din l-attivita' minn naħħa tiegħu. Il-Kunsill tar-Rabat Għawdex kien l-ewwel Kunsill, f'Malta u Għawdex li organiżża din l-attivita' u għalhekk din daħlet fil-kalendarju kulturali tal-Kunsill. Il-Ministeru ghal Għawdex wera biss ix-xewqa li din l-attivita' tkompli tikber u ser inkun invlout f'affarijiet anċillari, bħal provediment ta' iktar *mobile toilets*, ambulanza fuq il-post, pulizija, iktar ndafa u provediment ta' spazju publiċitarju fir-rigward ta' din l-attivita'. Il-Kunsill jixtieq li d-Dipartiment japprezza li l-Kunsill m'għandux il-fondi allokali lilu kif għandhom entitatjiet li jorganiżżaw festeġġjamenti simili f'Malta. Il-Kunsill dejjem jagħmel l-almu tiegħu sabiex jibqa' fil-limitu tal-baġit li għandu u juża b'mod effiċjenti ir-riżorsi provduti. Jekk

jitnaqqas jew jitneħħa l-fond li s-soltu jinħareġ minn din l-iskema, din l-attivita' ser tispiċċa u anke' ma ssirx. Il-Kunsill talab li terġa' tiġi rikunsidrata t-talba li saret sabiex il-Kunsill jibbenefika mill-fondi ta' l-iskema mmsemmija.

## 6. Approvazzjoni tal-Kontijiet

Ġew approvati l-kontijiet għax-xahar ta' Ottubru 2016 skont Dokument A anness.

## 7. Immanigjar tat-Traffiku

Transport Malta (TM) ħarġet il-permess għall:-

7.1 *one meter double yellow lines* biswit il-garaxx ta' 'Kandela', fi Triq Dawwara;

7.2 *un/laoding bay* quddiem 'J. Agius Insutrial Supplies', fi Triq Karlu Galea;

7.3 *one metre double yellow lines* biswit il-garaxxijeit ta' 'JohnMary Mansions' fi Triq il-Madonna tal-Ġilju;

7.4 parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem Blokk G, Taċ-Ċawla H.E. Dan għall-sitt xhur.

TM ressqet talba għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem ir-residenza ta':-

7.5 Tarcisio Cefai, 'Notre Nid', Triq Papa Ġwanni Pawlu II. Għandha timtela u tintbagħat il-formola rikjesta.

7.6 Frances Attard, 13, 'San Ġorġ' Triq Sir Arturo Mercieca. Għandha timtela u tintbagħat il-formola rikjesta.

7.7 TM ma ħarġitx il-permes biex issir ħadida protettiva ma bankina quddiem 'Alydar' Triq Ġuże' Micallef kantuniera ma Triq Manuel Dimech;

Il-membri qablu li jintalb il-permess ta' TM għal-:-

7.8 *road hump* quddiem l-entratura ta' 'Brookies Restaurant' fi Triq Wied Sara;

7.9 *one metre yellow line* biswit il-garaxx ta' 'Narċis' fi Triq il-31 ta' Marzu;

7.10 *one metre yellow line* biswit il-garaxx ta' 'Redentur', Triq Santa Dminka;

7.11 *un/loading bay* quddiem il-ħanut 'Sterling Jewellers' fi Triq il-Kastell;

7.12 l-korrispondenza mingħand Joseph Attard fejn talab sabiex isiru sinjali sofor u/jew *Keep Clear* quddiem l-isqaq fi Pjazzetta Patri Akkrusju Xerri u anke' jiġu mmarkati l-*parking bays* f'din l-istess pjazzetta, tintbagħat lill-TM sabiex TM tgħati l-parir tagħha;

## 8. Korrispondenza

Tressqet korrispondenza mingħand:-

8.1 Id-Dipartiment għal Gvern Lokali (DLG) rigward:-

8.1.1 l-offerta tat-tindif tal-latrini pubbliċi. Dan il-kuntratt jagħlaq fl-1 ta' Jannar 2017. Wara Memo 34/2015 il-Kunsill staqsa x'għandu jagħmel fir-rigward ta' dan il-Kuntratt. Id-DLG ta l-parir li l-offerta tinħareġ mill-ġdid u l-kuntratt ikun jiskadi sa sena mill-iffirmar tiegħu. Dan ikun jista' jiġġedded kull sena sa massimu ta' tlett snin bl-istess kundizzjonijiet u rati;

8.1.2 ċirkulari 16/2016 li titratta ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Fuq suġġeriment tas-Sindku l-membri qablu li din titħalla għall-laqgħa li jmiss wara li dan is-suġġett ikun ġie diskuss waqt il-laqgħa tar-Reġjun t'Għawdex;

8.1.3 ċirkulari 18/2016 li titratta dwar l-Ordinijiet Permanenti li fuqhom għandhom jitmexxew il-laqgħat tal-Kunsilli Lokali;

8.1.4 ċirkulari 19/2016 li titratta sħubija fil-*Loacl Action Groups* (LAGs). Id-DLG għandu jiġi mgħarraf li l-Kunsill hu membru tal-*Gozo Action Group Foundation* (GAGF);

8.1.5 ċirkulari 20/2016 li titratta inizjattiva finanzjarja għal Kumitti Reġjonali, Pjan Ekonomiku, Soċjali u Kulturali għall-Komunita' fuq Livell Reġjonali;

8.2 il-Ministeru għal Għawdex rigward il-kors tal-Universita' tat-tielet eta' f'Għawdex 2016-2017;

8.3 l-MTA fejn ġie suġġerit li jitpoġġew aktar *litter bins* fiċ-ċentru tar-Rabat;

8.4 Publius Grima li talab permess biex jarma bil-kjosk tiegħu matul il-*week-end* fil-parkeġġ ta' wara l-*bus terminus*. Il-membri ma sabux oġġezzjoni dment li jinżammu l-kundizzjonijiet li jsiru għal dawn it-talbiet.

8.5 Sam Cefai fejn talab li titneħħa bozza li għandu mal-faċċata tiegħu fi Triq il-Mitħna minħabba li qed tikkawżalu ħsara. Din il-bozza ser titpoġġa ma arblu tad-dawl li jinsab biswit din id-dar;

8.6 Galea Curmi Eng. Consultants Ltd. Il-membri qablu li ssir bozza ġdida fuq arblu fi Triq Ninu Cremona kantuniera ma Triq Ġuże' Labre;

8.7 Warren Grech, Segretarju tal-SK Victoria Wanderers fejn talbu li jużaw is-sala tal-Kunsill nhar il-5 ta' Novembru 2016 meta ser jorganiżżaw *Wine Tasting Event*. Il-membri ma sabux oġġezzjoni;

8.8 Irene Pace rigward l-istat tal-latrini pubbliċi. Bil-limitazzjonijiet finanzjarji tiegħu il-Kunsill jagħmel l-almu tiegħu sabiex dawn il-latrini, li mhumiex devoluti lill-Kunsill u huma propjeta' tal-Gvern, jinżammu kemm jista' jkun bl-aħjar mod possibli;

8.9 Ramon Said li ser jiġġestixxi stabiliment tal-*catering* fi Pjazza San Ġorġ talab sabiex jagħmel il-*grease strap* quddiem il-ħanut. Il-Perit bgħat x'kundizzjonijiet iridu jsirulu qabel tinħareġ in-*no objection*;

8.10 Ahmet Qvaff li ser jiġġestixxi l-ħanut 19, Triq Sir Adrian Dingli u talab sabiex iqabbad is-sistema tad-dranaġġ ma dik tal-*main*. Ser isiru l-istess kundizzjonijiet suġġeriti mill-Perit qabel tinħareġ in-*no-obejction*;

8.11 Julian Pace Bonello, President tal-Kumitat Olimpiku Malti rigward l-'MOC Sports Awards 2016';

8.12 Mro. Mario Vella Cordina fejn wera x-xewqa li l-orkestra tiegħu, *Sinfonia,* tieħu sehem f'attivitajiet tal-Milied organiżżati mill-Kunsill;

8.13 l-ARMS Ltd. rigward kont pendenti li l-Kunsill għandu fuq il-konsum tad-dawl li kien jissupplixxi l-eletriku għall-*fairy lights* ta' Pjazza Indipendenza. Dawn il-*fairy lights* kienu saru bejn l-2004 u l-2006 u ma kienux ġew mibdula u għalehkk wara li dawn ma baqgħux jiffunzjonaw ma kienx hemm aktar konsum minn fuq dan il-*metre*. Il-Kunsill mhux konvint li l-ammont ta' konsum kellu jitla'daqshekk u għaldaqstant mhux jirrikonoxxi l-ammont dovut;

8.14 l-ARMS Ltd. fejn intbagħat kont ta' €3,018.17 li jkopri konsum ta' dawl tas-*CCTV Camera* ta' Pjazza San Franġisk. Il-membri qablu li dan il-kont għandu jinqaleb fuq ir-Reġjun t'Għawdex peress li l-Gwardjani Lokali waqgħu f'idejn ir-Reġjuni;

8.15 Thomas Xerri fejn oġġezzjona għall-*double yellow line* li kien ser isir quddiem garaxxijiet fi Triq id-Dawwara. Filfatt dan mhux ser isir minħabba li sid il-garaxxijet ukoll oġġezzjona għalih;

8.16 Patrick Sultana li jaħdem ma 'Heritage Malta' fil-Mużew tal-Arkeoloġija fiċ-Ċittadella. Billi għadu kif għamel operazzjoni talab permess temporanju sabiex ikun jista' jipparkaja fil-parkeġġ riservt għall-persuni b'diżabilita'. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jgħarraf lill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilita' li ma jsibx oġġezzjoni.

**9. Materji oħra**

Il-membri qablu li:-

9.1 jsiru l-għetiebi neċessarji fi Pjazza Savina fejn qabel kien hemm arblu tal-Enemalta u li issa tneħħa. Dan maġenb il-klinika tad-dentist Xuereb;

9.2 titneħħa l-kurduna miksura li hemm madwar il-konok tas-siġar ta' maġenb il-grawnd tal-Oratorju Don Bosco. Il-konok għandhom jimtlew bi żrar apposta;
9.3 tintalab l-għajnuna tal-*Lifelong Learning* sabiex matul is-sena skolastika li jmiss jiġu organiżżati korsijiet tal-induratura filgħodu fis-sala tal-Kunsill;

9.4 tinħareġ espressjoni ta' nteress għall-ġbir tal-iskart riċiklabbli;

9.5 tiġi ordnata *road hump* għal Triq il-Madonna tal-Ġilju mingħand *B. Grima & Sons Ltd.*wara li nġabbru l-istimi. Din ser tiġi tiswa €991.20;

9.6 jitraġa l-porfido li hu miksur fi Triq Sant' Indrija.

Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill preżenit:-

9.7 li l-Kunsill irċieva €2,300 li jkopru l-iskema tal-*Live Streaming*;

9.8 rigward il-Premju Anzjanita' Attiva 2016;

9.9 dwar proċedura ġdida mnehdija mill-Awtorita' tal-Ippjanar li għandha x'taqsam ma proċedura ta' applikazzjonijiet u miżuri ġodda.

Il-laqgħa spiċċat fit-20.45 u laqgħa oħra ser issir nhar il-Ġimgħa 25 ta' Novembru 2016 fis-18.30.

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |